**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 21 ta` Marzu 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 74/2019 JZM**

**Fl-atti tar-rikors li kien prezentat fil-15 ta` Jannar 2019 minn Joseph Debono (ID 52144M) fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju ta` l-assenti David Bernard Keogh**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li jaqra hekk :–

*Illi nhar it-22 ta` Settembru 1998 mietet l-Ingilterra omm l-esponent David Bernard Keogh, u cioe` Frances Keogh nee` Stellini bint Luigi Stellini u Georgia nee` Scargall u li kienet toqghod 35 St. Leonards Road, Southend on Sea, l-Ingilterra [ara Dok. "A" hawn unit]*

*Illi l-eredita` tal-imsemmija Frances Keogh hija regolata permezz ta` testment maghmul gewwa l-Ingilterra fit-8 ta` Marzu*

*1994 [ara Dok. "B" hawn unit], u b`Codicil tat-3 ta` April 1998 [Ara Dok. "C" hawn unit].*

*Illi fit-testment taghha Frances Keogh kienet innominat lill-imsemmi binha David Bernard Keogh u lis-Solicitor Malcolm John Pratt bhala Ezekuturi u Trustees ta` l-Estate taghha.*

*Illi l-imsemmi testment u Codicil kienu gew registrati fil-High Courts of Justice, District Probate Registry f`Ipswich, u b`Digriet moghti fis-7 ta` Ottubru 1998 l-amministrazzjoni ta` l-Estate kollha ta` Frances Keogh gie devolut fuq l-imsemmija Ezekuturi u Trustees ta` l-Estate [Ara Dok. "D" hawn unit].*

*Illi in segwitu l-Ezekutur u Trustee s-Solicitor Malcolm John Pratt kien irtira bl-eta`.*

*Illi d-decujius Frances Keogh hija ukoll il-proprjetarja ta` 1/7 sehem indiviz fi propjeta` immobiljari gewwa Malta [ara Nota Deskrittiva Dok. "E" hawn unit], u konsegwentament l-esponent nomine jixtieq jirregistra u jaghti nfurzabilita` d-Digriet moghti mid-District Probate Registry ta` Ipswich tas-7 ta` Ottubru 1998 fejn David Bernard Keogh kien gie mahtur Ezekutur u Trustee ta` l-Estate tad-decjius ommu Frances Keogh ai fini u effetti kollha tal-Ligi.*

*Ghaldaqstant l-esponent nomine jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur ta` l-Artikolu 958C tal-Kodici Civili, taghti rikonoxximent u infurzabilita` tad-Digriet moghti fis-7 ta` Ottubru 1998 mahrug mill-Ispwich District Probate Registry [Dok. "D"] fejn David Bernard Keogh kien gie mahtur Ezekutur u Trustee ta` l-Estate tal-mejta ommu Frances Keogh, u dana taht kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Jannar 2019 fejn *inter alia* appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 14 ta` Frar 2019 fid-9.00 a.m.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-14 ta` Frar 2019 u tas-7 ta` Marzu 2019.

Rat in-nota b`dokumenti li kienet prezentata fit-18 ta` Marzu 2019, skont id-direzzjoni li tat fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2019.

**Ikkunsidrat :**

Illi kemm fl-intestatura tar-rikors, kif ukoll fit-talba, ir-rikorrent noe jaghmel riferenza ghall-**Art 958C tal-Kap 16**.

**Illi l-Qorti rat mhux biss id-disposizzjoni citata mir-rikorrent noe izda rat ukoll il-kumpless ta` disposizzjonijiet mill-Art 958A sal-Art 958K li fil-Kap 16 jaqghu taht it-Titolu III, Subtitolu VIII : "Fuq Successjonijiet Transkonfinali".**

**Illi huwa bil-wisq evidenti sa mill-Art 958A tal-Kap 16 li dawn id-disposizzjonijiet jafu t-tfassil taghhom fuq ir-Regolament (UE) Nru. 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta` Lulju 2012.**

**Illi ghalhekk id-disposizzjonijiet citati mill-Kap 16 la jistghu u lanqas ghandhom jigu mifhuma jekk mhux fil-kuntest tar-Regolament tal-UE fuq citat.**

**Illi wara li rat ir-Regolament tal-UE Nru. 650/2012, u wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, tghid mill-ewwel illi l-fattispeci tar-rikors de quo ma jaqghux fl-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament, u kwindi mhux koperti mill-Art 958A sal-Art 958K tal-Kap 16.**

Illi tghid dan ghaliex is-successjoni in kwistjoni hija dik ta` Frances Keogh li mietet fit-**22 ta` Settembru 1998**.

Illi tishaq fuq dik id-data ghaliex ir-Regolament huwa operattiv skont id-data tal-mewt tad-decujus.

Illi tajjeb jinghad illi skont l-Art 84 tar-Regolament (li jittratta d-dhul fis-sehh tar-Regolament) id-dati tad-dhul fis-sehh tad-disposizzjonijiet (skont il-kaz) huma il-5 ta` Lulju 2012, is-16 ta` Jannar 2014 u s-17 ta` Awissu 2015.

Illi la fir-Regolament u lanqas fil-Kap 16 ma tirrizulta ebda disposizzjoni li tirrendi retroattivi d-disposizzjonijiet tar-Regolament fil-ligi taghna.

**Illi dan ifisser illi din il-Qorti ma tistax tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent noe jekk tibqa` nkwadrata fl-ambitu tar-Regolament u tad-disposizzjonijiet diga` citati tal-Kap 16 billi dawn ma japplikawx ghat-talba tar-rikorrent noe.**

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-Qorti setghet tieqaf hemm.**

**Illi mhijiex sejra taghmel hekk ghaliex trid tassikura li ssir gustizzja sostanzjali.**

**Illi l-Qorti taghraf illi bil-mod kif imposta t-talba, ir-rikorrent noe bexxaq il-bieb ghal *kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.***

Illi wara li hasbet fit-tul, hija sejra tqis favorevolment **<u>is-sostanza</u>** tat-talba tar-rikorrent noe abbazi ta` zewg konsiderazzjonijiet.

Illi l-ewwel konsiderazzjoni hija li dak li d-decujus riedet li jsir wara l-mewt taghha bis-sahha tat-testment (Dok B) u tal-codicil (Dok C) huwa regolat bil-ligi tal-pajjiz fejn id-decujus kellha d-domicilju meta ghamlet dawk l-atti.

Illi rrizulta bhala fatt mhux ikkontestat li d-domicilju tad-decujus kienet l-Ingilterra.

Illi l-legalita` (u allura l-enforzabilita`) tal-atti testamentarji li saru mid-decujus fl-Ingilterra kienet ikkonfermata bil-provvediment ta` probate li nghata mill-High Court of Justice tas-7 ta` Ottubru 1998 (Dok D).

**Ikkunsidrat :**

Illi huwa bil-wisq evidenti li r-rikors odjern kien intiz sabiex l-atti Dok C u D jaghmlu stat ghall-assi tad-decujus f`Malta li huma kostitwiti mis-sehem tad-decujus ta` wiehed minn sebgha (1/7) ta` l-immobbli li huma ndikati fid-Dok E.

Illi fid-digriet taghha tat-28 ta` Jannar 2019, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u tad-dokumenti annessi lll-persuni kollha li jista` jkollhom interess fil-provvediment li tista` taghti dwar ir-rikors de quo.

Illi r-rikorrent noe ottempera ruhu ma` dak id-digriet in partikolari tal-kompropjetarji ndivizi ta` sitta minn sebgha (6/7) tal-immobbli ndikati fid-Dok E.

**Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-provvediment Dok D huwa applikabbli ghal-*lex situs,* u cioe` l-ligi ta` Malta, ghall-fini tal-beni mmobbli ndikati fid-Dok E.**

Illi in sostenn ta` din il-fehma, il-Qorti ghandha l-konfort tal-kompropjetarji ndivizi li ghandhom sitta minn sebgha (6/7) tal-immobbli in kwistjoni (ara l-att li kien prezentat wara l-udjenza tas-7 ta` Marzu 2019).

<u>**Provvediment**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-15 ta` Jannar 2019 billi filwaqt li qeghda tiddikjara bhala mhux applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz odjern id-disposizzjonijiet tal-Art 958A sa 958K tal-Kap 16 u tar-Regolament (UE) Nru. 650/2012, qeghda taghti rikonoxximent**

**u enforzabilita` fil-Gzejjer Maltin lill-att markat bhala Dok D, li kien anness mar-rikors promotur, u kull att iehor relatat mal-istess, kif dawn jolqtu beni mmobbli sitwati f`dawn il-Gzejjer, u appartententi *in toto* jew *in parte* lid-decujus Frances Keogh nee` Stellini.**

**L-ispejjez kollha ta` dan il-procediment ghandhom jithallsu mir-rikorrent noe.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**